MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Numru. 1079/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**
**vs**
**Clive Tong**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Clive Tong** ta' 26 sena, bin missier mhux maghruf u Dahlia Maria Tong, imwieled San Giljan nhar il-25 t'Awissu, 1978, residenti 'Lilian House', Triq Ross, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita' 506278(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 t'April, 2005, f'xi hin bejn it-tlieta [03.00hrs] u l-erbgha [04.00hrs] ta' filghodu, gewwa 'New Footloose Bar', sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan, u kif ukoll fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fil-gisem ta'

Mario Fenech, u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 216 u 218 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli irrendejt ruhek recediv, b'sentenza tal-Qorti moghtija nhar is-26 t'Ottubru, 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Mario Fenech jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti (Art. 383 ta' Kap 9)

Semghet l-ammissjoni tal-imputat wara li inghata zmien sufficjenti biex jahseb dwar din id-dikjarazzjoni u l-piena ghal dan ir-rejat;

Rat l-atti tal-process u l-ammissjoni tirrizulta ammissibbli fejn ghalhekk il-Qorti qed issib lil-imputat hati;

Rat l-artikoli 49 u 50, 214, 216 u 218 tal-Kap 9

Rat il-fedina penali tal-imputat

Dwar il-piena, ikkunsidrat illi f'dan l-incident l-imputat kisser sinna tal-kwerelant waqt glieda u ghamel tajjeb ghat-telfien monetarju billi hallas ghall-ispejjez sabiex l-kwerelant jirranga din is-sinna minkejja li ser jibqa isofri l-mankanza taghha; Di piu', l-imputat ma jistax aktar jibbenefika mill-provvediment tal-Kap 446 jew tal-artkolu 28A tal-Kap 9, izda piena karcerarja ghal dan l-incident mhix wahda addattata u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9, l-Qorti qed tinzel taht il-minimu stipulat u minflok qed tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' Lm500.

In oltre tobbligah ma jdejjaqx u/jew ma jimmolestax lil Mario Fenech fuq penali ta' Lm50 fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tl-Kap 9.

Stante li l-avukat generali ma kienx ghadu ta l-kunsens tieghu ghal-prosekuzzjoni tal-kaz, l-Qorti tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------